# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 10**

**Rikors numru 99/18/1 LM**

**Maria Carmela Pace, Josette Spiteri u Vivienne Scicluna; Louis Scicluna u Anton Spiteri**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali; ir-Reġistratur tal-Qorti; Bank of Valletta p.l.c.; il-Kummissarju tat-Taxxi; u għal kull interess li jistgħu jkollhom b'digriet tat-30 ta' Ottubru, 2018, l-Avukat Dr. Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjeta` Britannia Catering Company Limited; Joecar Limited; Josette Limited; Vivienne Limited; Perit Anthony Fenech Vella; u The General Soft Drinks Company Limited (C 1591)**

1. L-atturi flimkien ma' Joseph Pace kienu ġew kanonizzati debituri tas-soċjeta` Bank of Valletta p.l.c. għal somma nġenti bl-imgħax permezz ta' diversi sentenzi mogħtija fis-sena 1998, bl-imgħax dekoribbli mill-1 ta' Ottubru, 1995. Apparti minn hekk, Joseph u Maria Carmela Pace

kkostitwew ruħhom debituri tal-istess bank f'ammonti oħra b'atti pubbliċi ulterjuri, filwaqt illi Josette u Anton Spiteri u Vivienne u Louis Scicluna kienu wkoll debituri tal-istess bank fosthom għaliex kienu garanti ta' Joseph Pace u soċjetajiet oħra. Fit-22 ta' Novembru, 2005 il-bank imsemmi pproċeda b'subbasta fuq diversi proprjetajiet immobbli tal-atturi li nbiegħu għall-prezz komplessiv ta' €1,514,092.71 (Lm650,000), liema somma kienet ġiet iddepożitata taħt l-awtorita` tal-Qorti fl-2005. Meta l-bank imsemmi talab sabiex jiżbanka din is-somma, it-talba tiegħu ġiet opposta minn kredituri oħra, u parti minn din is-somma, u ċioe` Lm330,000 ġiet attribwita lejn id-djun ta' Joseph u Maria Carmela Pace u ffurmat il-mertu ta' talba għall-konkors ta' kredituri. Dan il-konkors tal-kredituri kien ġie inizjat minn Bank of Valletta p.l.c. fit-22 ta' Awwissu, 2008 u ġie deċiż fl-4 ta' Mejju, 2017. L-atturi jilmentaw illi dawn il-proċeduri damu għaddejjin ftit anqas minn għaxar snin u li l-maġġiorparti tad-differimenti kienu għal raġunijiet proċedurali u mhux għaliex in-natura tal-każ kienet waħda kumplessa. Jilmentaw illi minħabba f'hekk huma sofrew ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u wkoll ksur tad-dritt tagħhom sanċit permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi l-patrimonju tagħhom ġie ridott minħabba li baqgħu debituri għal tul ta' żmien stante d-dewmien tal-proċeduri.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara illi l-fatti hawn fuq esposti jammontaw għal ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tiddikjara illi l-fatti hawn fuq esposti jammontaw għal ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

3. Konsegwentement tagħti rimedju xieraq u opportun, inkluż il-liwkidazzjoni ta' danni ekwivalenti rappreżentanti l-leżjoni tad-dritt tagħhom inkluż għall-imgħaxijiet kollha li soffrew inutilment minħabba d-dewmien f'dawn il-proċeduri."

3. L-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tat-Taxxi eċċepew, *inter alia*, illi l-atturi kollha għajr għal Maria Carmela Pace ma jistgħux jilmentaw bl-allegat dewmien fil-proċeduri tal-konkors tal-kredituri bin-numru 851/2008AF għaliex ma ħadux sehem fihom, li l-atturi ma kellhomx għalfejn iħarrku f'dawn il-proċeduri l-intimati kollha msemmija fl-okkju tal-konkors tal-kredituri iżda kien suffiċjenti li jħarrku lill-Avukat tal-Istat *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li ma kien hemm l-ebda dewmien inġustifikat fil-proċeduri in kwistjoni, li l-atturi ma ħadux sehem attiv fil-proċeduri in kwistjoni u m'għamlux l-almu tagħhom biex iħaffu l-proċess ikkonsidrat li ħadd minnhom ma kien deher quddiem il-Qorti, li jekk kiber l-imgħax li kellhom iħallsu l-atturi lil kredituri tagħhom dan kien biss għaliex baqgħu ma ħallsux id-djun tagħhom u mhux għaliex kien hemm dewmien fil-proċeduri, li l-konkors tal-kredituri kien jolqot biss parti mid-dejn li kellhom l-atturi, li l-atturi kellhom il-jedd jitolbu lil Qorti sabiex tordna li ma jkomplix jiddekorri imgħax fuq id-djun li kellhom, li t-talba a bażi tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni hija improponibbli u li l-ilment

a bażi tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea huwa infondat għaliex l-Istat ma ħax xi proprjeta` tal-atturi jew b'xi mod fixkilhom mit-tgawdija tagħha.

4. Il-Perit Anthony Fenech Vella eċċepixxa *inter alia* illi huwa ma jista' qatt jiġi kkundannat kif qed jitolbu l-atturi u li mill-atti tal-kawża numru 851/2008AF jidher illi l-atturi kienu opponew għall-konkors tal-kredituri u anke ttantaw irażżnu l-istess proċess u dana ta' bilfors wassal għal dewmien.

5. Is-soċjeta` Bank of Valletta p.l.c. eċċepiet *inter alia* illi din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali tagħha stante illi l-atturi ma utilizzawx ir-rimedji ordinarji disponibbli lilhom, li l-atturi ma jistgħux jilmentaw dwar dewmien fil-proċeduri meta kienu huma li ma ħallsux lil diversi kredituri u li l-ilment taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea huwa infondat għaliex hija ġurisprudenza kostanti illi kull kreditur għandu dritt jenforza d-drittijiet tiegħu.

6. Dr. Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi, nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lis-soċjeta` Britannia Catering Company Limited eċċepew illi m'humiex edotti mill-fatti u rriservaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri.

7. Ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali eċċepixxa *inter alia* illi huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur u li ma kellu l-ebda kontroll fuq il-proċeduri ġudizzjarji in kwistjoni.

8. The General Soft Drinks Company Limited eċċepiet *inter alia* illi Louis Scicluna u Anton Spiteri m'għandhom l-ebda *locus standi* f'dawn il-proċeduri għaliex ma kinux parti tal-konkors tal-kredituri u għaldaqstant hija għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tagħhom, li l-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha ladarba l-atturi kellhom rimedju ordinarju xieraq a dispożizzjoni tagħhom li ma utilizzawx, u li hija m'għamlet xejn ħlief li eżerċitat id-drittijiet leġittimi tagħha biex tirkupra l-flus li kellha tieħu mingħand Joseph u Maria Carmela Pace u ma kienet responsabbli għal ebda dewmien fil-proċeduri.

9. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-18 ta' Novembru, 2020 ġie deċiż hekk:

> "Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li huma sofrew ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, filwaqt li tiċħad it-tieni talba tagħhom u tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti kollha flimkien fis-somma ta' €9,000.00 (disat elef Euro) u tikkundanna lill-intimat Avukat Ġenerali jħallas lir-rikorrenti il-kumpens kif likwidat.

> Ir-rikorrenti għandhom iħallsu wieħed minn sitta (1/6) tal-ispejjeż, filwaqt li lintimat l-Avukat Ġenerali għandu jħallas ħamsa minn sitta (5/6) tal-ispejjeż."

10. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fis-7 ta' Diċembru, 2020 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-digriet tat-30 ta' April, 2019 u minflok tordna l-Bank konvenut sabiex jipproduċi d-dokumenti li ġew mitluba li jiġu preżentati skont l-inġunzjoni tat-23 ta' Jannar, 2019 u tirriforma s-sentenza tat-18 ta' Novembru, 2020 billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet li l-atturi sofrew ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli tħassarha mill-bqija u minflok tagħti rimedju xieraq effettiv li jinkludi ħelsien effettiv mill-imgħaxijiet dekorsi tul id-dewmien kollu soffert sabiex il-Bank konvenut jiġbor l-ammont lilu dovut u fir-rigward tat-tieni talba jew tilqa' l-istess u tagħti rimedju effettiv jew tastjeni li tieħu konjizzjoni tat-talba u tillibera lill-partijiet mill-osservanza tal-ġudizzju u tagħti kull provvediment ieħor xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi fir-rigward tal-ewwel talba.

11. The General Soft Drinks Company Limited preżentat ir-risposta tagħha fit-18 ta' Diċembru, 2020 permezz ta' liema ssottometiet illi s-sentenza appellata hija ġusta u talbet illi s-sentenza tiġi kkonfermata u hi tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

12. L-Avukat tal-Istat preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fil-21 ta' Diċembru, 2020 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad dan

l-appell u tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

13. Is-soċjeta` Bank of Valletta p.l.c. preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fit-23 ta' Diċembru, 2020 permezz ta' liema ssottomettiet illi dan l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

14. Dr. Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi, nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjeta` Britannia Catering Company Limited preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fit-3 ta' Frar 2021 permezz ta' liema ddikjaraw illi m'humiex edotti mill-fatti u rriservaw li jressqu risposta ulterjuri jekk ikun il-każ.

**Ikkonsidrat**

**L-Ewwel Aggravju**

15. Fl-ewwel aggravju tagħhom l-atturi jilmentaw illi l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-effett insidjuż tad-dewmien li l-bank kreditur jitħallas, u jsostnu li l-kwistjoni m'hijiex biss waħda ta' imgħax impost minħabba d-dekors taż-żmien. Jargumentaw illi apparti l-imgħaxijiet notevoli li ġew sofferti minħabba d-dewmien, iż-żewġ pagamenti li saru waqt il-mori tal-proċeduri ġew allokati għal ħlas tal-imgħaxijiet u mhux tal-

kapital u għalhekk id-dannu tad-dewmien kien doppju. Iżidu illi d-dewmien in kwistjoni ma kien ta' ebda ħsara għal Bank of Valletta p.l.c. in kwantu filwaqt li jirriżulta li l-Bank ġabar ammonti sostanzjali li jissuperaw il-kapital misluf, il-kreditu tiegħu kontra l-esponenti ġie ndikat bħala "*written off*" u x'aktarx anke ħa krediti tat-taxxa mill-Gvern għal dan it-"telf". Jgħidu li l-vittmi huma l-kredituri l-oħra li minħabba d-dewmien esaġerat u l-effett tal-imgħaxijiet fuq il-kreditu privileġġjat tal-Bank ma kellhom l-ebda speranza li jitħallsu, u dan apparti illi l-Gvern ta' Malta għandu interess fil-Bank of Valletta u jista' jitqies bħala l-*ultimate beneficial owner.* Isostnu illi għalhekk ir-rimedju għad-dewmien soffert minnhom għandu jkun li jingħataw ħelsien effettiv mill-imgħaxijiet sofferti għad-dewmien intollerabbli u esaġerat li l-Bank dam sabiex jiġbor il-flus imħallsa wara s-subbasta li saret biex jitħallas il-kreditu tal-bank.

16. L-Avukat tal-Istat isostni illi dan l-aggravju m'għandux jintlaqa' għaliex ikkonsidrat iċ-ċirkostanzi, il-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti huwa wieħed xieraq. Jargumenta illi fid-dawl tal-ġurisprudenza l-kumpens mogħti għal dewmien ta' proċeduri ġudizzjarji ma jkoprix danni materjali iżda biss danni morali. Isostni illi inoltre l-appellanti ma jistgħux jilmentaw għaliex inġema' imgħax fuq ammonti oħra oltre dawk mertu tal-konkors tal-kredituri, u li fi kwalunkwe każ huma kellhom kull jedd illi jitolbu lil Qorti li kienet qed tisma' l-proċeduri ta' konkors ta' kredituri sabiex ma tħallix li jiddekorri imgħax fuq l-ammont ta' €768,693.22 li kien

iddepożitat taħt l-awtorita` tal-Qorti, u dan *ai termini* tal-Artikolu 422 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. Bank of Valletta p.l.c tirribatti illi l-atturi mhux talli ma kinux attivi fil-konkors tal-kredituri iżda talli effettivament ostakolaw tali proċeduri. Jargumenta illi l-pretensjoni tal-appellanti illi jiġu eżenti mill-ħlas ta' imgħaxijiet hija ġuridikament insostenibbli għaliex hija ġurisprudenza kostanti illi d-dewmien fi proċeduri ġudizzjarji jirrispondi għalih l-Istat u mhux xi kreditur bħal bank appellat.

18. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li jingħataw rimedju xieraq fejn għandhom jiġu likwidati d-danni rappreżentanti l-leżjoni li huma sofrew u anki l-imgħaxijiet li huma dovuti jħallsu inutilment riżultat tad-dewmien fil-proċeduri tal-konkors. L-intimat l-Avukat Ġenerali jopponi għal din it-talba fid-dawl tal-fatt li l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti ma setgħux jintlaqgħu.
>
> Il-Qorti tosserva li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda provi fir-rigward tal-imgħaxijiet fuq il-flus dovuta minnhom u li huma sofrew matul iż-żmien li ħadu l-proċeduri tal-konkors. Għalhekk mill-ewwel tgħid li hija ser tastjeni milli tikkunsidra jekk hijiex ġustifikata kemm legalment, kif ukoll fil-mertu, it-talba tagħhom sabiex tillikwida dawk l-imgħaxijiet li huma dovuti jħallsu għall-perijodu tad-dewmien irraġonevoli. Madankollu il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillikwida biss il-kumpens dovut lilhom għal-leżjoni sofferta.
>
> Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Victor Buttigieg et vs. Avukat Ġenerali, il-Qorti Kostituzzjonali aċċettat il-mod kif din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, sejset il-kalkolu tagħha fuq l-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jiġifieri li jingħata kumpens ta' bejn €1,000 u €1,500 għal kull sena li jdumu l-proċeduri sabiex jaslu fi tmiemhom. B'dana li ġew applikati l-istess tliet kriterji prinċipali

enunċjati mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex isir aġġustament tal-kumpens dovut biex jirrifletti ċ-ċirkostanzi tal-każ.

Fil-każ odjern jirriżulta li r-rikors promotur fil-proċeduri tal-konkors ġie intavolat fit-22 ta' Awwissu, 2008, u s-sentenza finali tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla ngħatat fl-4 ta' Mejju, 2017. B'hekk il-proċeduri damu ftit inqas minn disa' snin sabiex jingħalqu. Applikati l-prinċipji suriferiti fejn qed jiġi meħud inkonsiderazzjoni (a) l-għajxien tal-ħajja hawn Malta meta maqbul ma' dak ta' pajjiżi oħra fl-Ewropa; (b) il-passività tar-rikorrenti waqt il-proċeduri tal-konkors; (ċ) ma kien hemm l-ebda appell u għalhekk il-proċeduri tal-konkors instemgħu minn qorti waħda biss; tagħti kumpens ta' €1,000 għal kull sena tad-dewmien sabiex b'hekk il-kumpens sħiħ dovut lir-rikorrenti huwa fis-somma ta' €9,000."

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

19. A kuntrarju ta' dak argumentat mill-Avukat tal-Istat, f'kawżi msejsa fuq ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huwa possibli illi l-Qorti tillikwida mhux biss danni non-pekunarji, iżda wkoll danni pekunarji.[1] Sabiex talba għad-danni pekunarji tirnexxi f'din it-tip ta' kawża jeħtieġ illi l-attur iressaq prova ċara li tistabbilixxi n-ness kawżali bejn id-dewmien tal-proċeduri u d-danni pekunarji allegatament sofferti. M'huwiex possibli għal Qorti li tispekula x'setgħat kienet tkun il-pożizzjoni tal-attur li kieku ma seħħx id-dewmien mertu tal-ilment, u għalhekk teħtieġ li ssir prova ċara u inekwivoka illi l-attur sofra danni pekunarji li ma kienx isofri li kieku l-proċeduri ma kinux suġġetti għal dewmien irraġonevoli.

[1] Ara per eżempju: **Lechner and Hess v. Austria** (QEDB, 23/04/1987), **Bock v. Germany** (QEDB, 29/03/1989); **Union Alimentaria Sanders S.A. v. Spain** (QEDB, 07/07/1989); **Probstmeier v. Germany** (QEDB, 01/07/1997); **Fisanotti v. Italy** (QEDB, 23/04/1998); **Scordino v. Italy (no. 1)** (QEDB, 29/03/2006); **Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania** (QEDB, 29/11/2016); **Project-Trade D.O.O. v. Croatia** (QEDB, 19/11/2020).

20. *Detto* dan, ir-rimedju propost mill-appellanti ma għandux jintlaqa'. L-appellanti qed jipproponu illi bħala rimedju għandhom jiġu eżentati mill-ħlas tal-imgħaxijiet dekorsi fuq il-kreditu tal-bank appellat. Pero`, dan ma kienx l-ilment oriġinali tagħhom billi huma talbu danni ekwivalenti għall-imgħaxijiet imħallsa żejda minħabba d-dewmien.

21. Il-Qorti tirrileva illi huwa obbligu tad-danneġġat li jimminimizza d-danni sofferti minnu. Ma hemm l-ebda prova pero` illi l-atturi ħadu xi passi sabiex jimminimizzaw kwalunkwe danni sofferti minnhom. Dak li jirriżulta mill-atti hija inerzja totali da parti tal-appellanti li jsegwu l-proċeduri tal-konkors tal-kredituri jew li jippruvaw jagħmlu użu mir-rimedji li l-liġi tpoġġi a dispożizzjoni tagħhom sabiex ma jkomplix jakkumula l-imgħax. Jirriżulta li l-appellanti qatt ma dehru waqt il-proċeduri tal-konkors tal-kredituri u għajr għal risposta fl-istadju inizjali tal-proċeduri l-appellanti għażlu li ma jipparteċipawx f'dawn il-proċeduri sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom. Dwar l-argument tal-appellanti illi huma kienu għamlu xi ħlasijiet waqt li l-konkors tal-kredituri kien pendenti, il-Qorti tosserva illi l-konkors tal-kredituri kien limitat għal parti biss mid-dejn li kellhom l-atturi, u ma hemm l-ebda prova tal-allegati ħlasijiet u minn min saru li jistgħu jagħtu relevanza għal finijiet ta' dawn il-proċeduri.

22. Għaldaqstant, fid-dawl tal-inerzja kważi assoluta tal-atturi illi jsegwu l-proċeduri tal-konkors tal-kredituri u jħarsu l-interessi tagħhom,

il-Qorti tqis illi f'dan il-każ l-atturi ngħataw danni aktar milli xieraq bil-kriterju tal-ewwel Qorti ċioe` €1,000 għal kull sena ta' dewmien, b'kollox €9,000 għal proċess li dam disa' snin u fejn żgur mhux disa' snin kollha kienu dewmien żejjed. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tieni Aggravju**

23. Fit-tieni aggravju tagħhom l-atturi jressqu lment dwar id-digriet tal-ewwel Qorti tat-30 ta' April, 2019 u d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni talba tagħhom.

a. Id-digriet tat-30 ta' April, 2019

24. Dwar id-digriet tat-30 ta' April, 2019 jargumentaw illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tawtorizza lil Bank of Valletta p.l.c. ma jġibx il-provi dokumentarji mitluba għaliex skont hi ma kinux strettament relevanti. Jargumentaw illi ma jista' jsir l-ebda diskors dwar rimedju u l-preġudizzju soffert minnhom mingħajr ma jkun hemm a dispożizzjoni tal-Qorti viżjoni ċara tal-krediti li l-Bank kellu, l-imgħaxijiet li kienu mposti u meta ddekorrew u l-pagamenti li saru u meta ġew attribwiti fil-kont tagħhom. Jilmentaw illi mhux ċar kif bank regolat skont il-liġi jista' jirrifjuta li jagħti lil ex-klijenti tiegħu u lid-debituri tiegħu rendikont ta' kif ikkalkola l-ammont lilu dovut.

25. L-Avukat tal-Istat jargumenta illi dan l-aggravju huwa infondat għaliex il-kreditu ta' Bank of Valletta p.l.c. jinsab dikjarat b'sentenzi tal-Qorti u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għalfejn l-atturi għandhom jinsistu li l-istess bank iġib prova tal-kreditu tiegħu. Iżid illi t-tilwima kostituzzjonali m'hijiex imsejsa fuq il-fatt li Bank of Valletta p.l.c. qiegħed jippretendi li għandu kreditu akbar milli jmissu għaliex din m'hijiex kwistjoni ta' sura kostituzzjonali u għalhekk huwa ċar li kull dokument marbut mal-valur tal-kreditu tal-bank imsemmi huwa rrelevanti għall-għanijiet ta' dan il-każ. Isostni illi għalhekk id-digriet appellat huwa korrett u jsegwi d-dettami tal-Artikolu 558 u 560 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżid illi l-appellanti kellhom jagħtu raġuni tajba fl-aggravju tagħhom għalfejn id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti għandha tiġi mħassra u mhux jillimitaw ruħhom li jgħidu li għandhom jedd għal rendikont skont il-liġi.

26. Bank of Valletta p.l.c. tirribatti illi t-talba tal-atturi li jiġu preżentati dokumenti dwar kull kont illi kellhom il-familja Pace ma kinitx ġustifikata għaliex dawn kienu dokumenti rrelevanti għall-finijiet ta' din il-kawża. Isostnu għalhekk illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta ċaħdet din it-talba tal-atturi, li kienet ser twassal biss sabiex timla l-proċess b'volum ta' dokumenti li huma rrelevanti għal mertu tal-lanjanza tagħhom.

27. Id-digriet tat-30 ta' April, 2019 jaqra hekk:

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat mis-soċjeta intimata Bank of Valletta p.l.c. fil-31 ta' Jannar, 2019.

Ir-rikorrenti għad li ngħataw għaxart (10) ijiem min-notifika għar-risposta, ma ppreżentaw l-ebda risposta.

Tqis illi r-rikorrenti għandhom jessqu l-provi tagħhom limitatament għal dak li huwa strettament relatat u rilevanti għat-talbiet fir-rikors promotur tagħhom.

Tqis illi d-dokumenti li ġew mitluba li jiġu preżentati minn rappreżentanti tas-soċjeta intimata Bank of Valletta p.l.c. skont l-inġunzjoni maħruġa fit-23 ta' Jannar, 2019, mhumiex strettament relatati mal-mertu tal-proċeduri odjerna u għalhekk m'għandhomx jiġu prodotti.

Tordna lir-rikorrenti biex fl-udjenza li jmiss iressqu l-provi li jista' għandhom in sostenn tat-talbiet tagħhom."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

28. Fl-inġunzjoni in kwistjoni l-atturi kienu talbu illi rappreżentant ta' Bank of Valletta p.l.c. jipproduċi "Id-dokumenti kollha neċessarji sabiex juru x'dejn kellu Joe Pace u kif ukoll is-soċjetajiet Britannia Catering Company Ltd [C 2893]; Joecar Limited [C 16195]; Josette Ltd [C 16198]; Vivienne Ltd [C 16197] min kien garanti għal dan id-dejn u spjegazzjoni sħiħa u kompleta tal-ammonti dovuti mill-imsemmija Joe Pace u s-soċjetajiet garanti u kif ukoll kull pagament li sar u dan kif ġie imputat; jiġi rilevat li hemm bżonn mhux biss kopja ta' kostituzzjoni ta' debitu u sentenzi imma wkoll ta' kif waslu għal figuri fl-istess kostituzzjoni u sentenzi."

29. Il-Qorti rat illi dawn il-proċeduri jittrattaw limitatament il-konkors ta' kredituri li seħħ fir-rigward ta' Joseph u Maria Carmela Pace permezz tal-kawża numru 851/2008 u limitatament fir-rigward tas-somma ta' €768,693.22 (Lm330,000). Jidher illi din kienet parti minn kreditu akbar li kien qiegħed jivvanta Bank of Valletta p.l.c. Ikkonsidrat dan, il-Qorti tqis illi l-ewwel Qorti użat id-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-liġi b'mod korrett meta ċaħdet din it-talba tal-atturi permezz tad-digriet appellat. It-talba magħmula fl-inġunzjoni mill-atturi kienet wisq vaga għaliex l-atturi ma llimitawx din it-talba tagħhom għad-dokumentazzjoni relevanti għas-somma ta' €768,693.22 (Lm330,000). Kienet biss din is-somma li kienet tifforma l-mertu tal-konkors tal-kredituri u għalhekk kienet l-unika somma relevanti għal finijiet ta' dawn il-proċeduri. Għaldaqstant din il-parti tat-tieni aggravju qed tiġi miċħuda.

<u>b. Dwar it-tieni talba attriċi</u>

30. Fir-rigward tad-deċiżjoni relattiva għat-tieni talba tagħhom l-appellanti jsostnu li jħossuhom aggravati mill-fatt illi filwaqt illi l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tagħhom finalment iddeċidiet li tiċħad din it-talba minflok ma tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju. Isostnu li effettivament il-provi tat-tieni talba jissussistu fl-atti in kwantu jirriżulta li l-bejgħ tal-proprjeta` sar għal prezz ferm inqas mill-valur reali tal-proprjeta` u ferm inqas ukoll mill-valur ta' 60% ta' dik il-proprjeta`. Jgħidu illi jekk l-ewwel Qorti ħasset

li ma kienx hemm provi biżżejjed f'dan ir-rigward messha lliberat lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju sabiex b'hekk tħalli mpreġudikat id-dritt tal-atturi li jsibu rimedju għal dik il-leżjoni li ġiet sofferta minnhom.

31. L-Avukat tal-Istat jirribatti illi skont il-liġi l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah u għalhekk l-appellanti kellhom l-obbligu li jippruvaw li huwa tassew il-każ li ġarrbu ksur tal-jedd ta' proprjeta` tagħhom. Jargumenta illi jekk l-atturi naqsu milli jagħmlu dan ma jistgħux jippretendu illi l-ewwel Qorti kellha tħallilhom impreġudikati l-jeddijiet tagħhom sabiex ikunu jistgħu jressqu kawża oħra. Fuq il-mertu tal-allegazzjoni magħmula mill-atturi jargumenta illi diġa` hemm sentenza ta' din il-Qorti li tikkonferma s-siwi kostituzzjonali tal-Artikolu 319 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u jżid illi l-limitu minimu ta' 60% qiegħed hemm fl-interess tad-debitur stess sabiex jiġi żgurat li l-ġid immobbli tiegħu ma jinbiegħx bix-xejn. Isostni illi dan l-artikolu jżomm bilanċ ġust u ekwu bejn il-jedd tal-kreditur li jiġbor flusu u l-jedd tad-debitur li jiżgura li ma jitlifx aktar milli jmiss mill-valur tal-assi tiegħu maħsuba biex jagħmlu tajjeb għal djunu.

32. Bank of Valletta p.l.c. targumenta illi anke li kieku huwa ħa r-rikavat kollu tas-subbasta fl-ewwel ġurnata mingħajr il-konkors tal-kredituri kien ser jifdal bilanċ ta' miljun u nofs ewro li l-atturi għad iridu jħallsuh, u dan apparti d-djun li l-atturi għandhom ma' diversi kredituri oħra. Jgħid illi l-atturi qed jostakolaw it-tentattivi tiegħu biex jissodisfa l-kreditu dovut lilu

u li huwa hu li għandu kull dritt f'dawn iċ-ċirkostanzi li jintavola proċeduri kostituzzjonali a bażi tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

33. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt:

> "Ir-rikorrenti qegħdin jinsistu li huma wkoll soffrew minn leżjoni tad-dritt ta' tgawdija tal-propjetà. L-intimat l-Avukat Ġenerali jissottometti li t-talba tar-rikorrenti kif msejsa fuq l-allegata leżjoni hija improponibbli in vista ta' dak li jipprovdu l-paragrafi (f) u (j) tas-subartikolu 37(2) tal-Kostituzzjoni.
>
> Din il-Qorti tikkunsidra li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova in sostenn tal-allegata leżjoni li l-Qorti qiegħda tifhem allegatament seħħet meta l-proprjetajiet tagħhom ġew mibjugħa bil-proċedura tas-subbasta għal prezz ferm inqas mill-valur tagħhom. Għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tagħhom."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

34. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-atturi bidlu l-binarju tal-ilment tagħhom fis-sottomissjonijiet quddiem l-ewwel Qorti u fl-appell tagħhom. Fit-trattazzjoni tagħhom l-atturi bbażaw l-ilment tagħhom fir-rigward tal-allegata leżjoni tad-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjeta` fuq l-allegazzjoni illi l-proprjeta` tagħhom ġiet mibjugħa għal prezz baxx wisq, terġa' anqas mis-60% stabbilit fil-liġi bħala l-valur minimu li għalih tista' tinbiegħ proprjeta` fi proċeduri ta' bejgħ b'subbasta. Pero` dan ma kienx il-bażi tal-ilment tagħhom fir-rikors promotur. L-ilment kien dwar id-dewmien tal-proċeduri fil-konkors tal-kredituri.

35. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża l-Qorti tosserva illi l-atturi ma resqux prova dwar dak allegat minnhom fir-rikors promotur li huma sofrew tnaqqis fil-patrimonju tagħhom b'konsegwenza diretta tad-dewmien fil-proċeduri. Kif diġa` ġie rilevat aktar 'il fuq, l-atturi wrew inerzja kważi totali fil-proċeduri tal-konkors tal-kredituri. Fil-fehma ta' din il-Qorti għamlet sew l-ewwel Qorti li ċaħdet it-tieni talba ladarba ma tresqitx ix-xhieda meħtieġa biex it-talba setgħat tintlaqa'; li għamlet ħażin l-ewwel Qorti hu li inizjalment qalet li tastjeni milli tqis it-talba mhux li tiċħadha. Iċ-ċaħda ta' talba li dwarha l-atturi ma resqu l-ebda provi jew argumenti hija deċiżjoni legalment korretta, u għaldaqstant m'hemmx lok li din il-parti tad-deċide tiġi riformata.

36. Għaldaqstant din il-parti tat-tieni aggravju qed tiġi miċħuda wkoll.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-atturi appellanti, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm